MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 60/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Frans Micallef)**
**Vs**
**Ronald Apap**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur ta' karta tal-identita` numru **150470M**] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

F'Santa Lucija nhar is-27 ta' Frar, 2005 għall-ħabta tas-7.00 p.m. ikkaġuna feriti ta' natura gravi ***"per durata"*** fuq il-persuna ta' Nazzarena Caruana, skont certifikat maħruġ mit-tabib Dr. Michaela Rossi M.D fl-Isptar San Luqa. (artikolu 216 tal-Kap 9).

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 216(1)(d) tal-Kap. 9 kif ukoll l-

artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu għall-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u ordnat li din is-sentenza inkwantu għal piena ta’ prigunerija m’għandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba` (4) snin l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

3. Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-appellant Ronald Apap b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn Euro (€2000) li jżomm il-kwiet ma’ Nazzarena Caruana għal żmien sena.
4. Finalment il-Qorti tat lill-appellant Ronald Apap l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-11 ta’ Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati talli kkommetta offiza ta’ natura volontarja fuq il-persuna ta’ Nazzarena Caruana u tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddeċidiet li l-offiża kienet wahda ta’ natura gravi u fejn ikkundannatu ghal piena ta’ tmintax (18)-il xahar priġunerija sospiżi għal erba` (4) snin u minflok issibu ħati ta’ offiża ta’ natura ħafifa u tikkundannah piena iktar ekwa fic-cirkostanzi jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

6. Fliet l-atti kollha proċesswali.

7. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

8. Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

9. Illi għalkemm l-appellant ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Magistrati, in vista tal-ġurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti fir-rigward, huwa sejjer jillimita l-aggravji tiegħu għal kwistjonijiet ta’ liġi u għal piena.

10. In kwantu fit-12 ta’ Settembru 2005 l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu għal procedura sommarja fit-termini ta’ l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali u l-esponent iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja (fols. 9 u 10), l-akkuża fil-konfront ta’ l-appellant ġiet arġinata skont it-termini taċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Ezekuttiva (fol. 1) u ċioe` għal “feriti ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Nazzarena Caruana, skont ċertifikat maħruġ mit-tabib Dr. Michela Rossi MD fl-Isptar San Luqa (sec. 216(d) [recte: 216(1)(d) Kap. 9). Effettivament jirriżulta mis-sentenza appellata li s-sejbien ta’ ħtija tal-Qorti tal-Magistrati kienet fil-fatt fit-termini ta’ din id-disposizzjoni.

11. Illi dan qiegħed neċessarjament jigi rilevat peress li rriżulta mill-atti li Nazzarena Caruana sofriet xi feriti fi snienha. Illum huwa risaput li s-snien mhumiex konsiderati bħala parti mill-wiċċ, għalkemm it-telf ta’ ħafna snien jista’ jġib sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ. Iżda la t-tul tal-infermita’ u lanqas il-permanenza o meno tagħha m’huma relevanti għall-finijiet tal-artikolu216(1)(b) tal-Kap 9.

12. L-esponent isntab ħati taħt il-paragrafu (d) tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 216.

13. Għandu jiġi relevat li ma saret ebda prova li l-offiża mġarrba minn Nazzarena Caruana damet tletin ġurnata.

14. M’għandux ikun preżunt li minħabba li għaliex l-offiża kienet tinvolvi ksur, allura l-offiża kienet ta’ natura gravi.

15. Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-prova li l-ksur kien fl-għadam.

16. Il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet tmur oltre s-sejbien ta’ ħtija għal offiża ta’ antura ħafifa.

17. Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva u ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

18. Illi, a parti naturalment dak li ntqal fl-ewwel aggravju, temmen liema versjoni temmen, ma jistax ikun hemm dubju li r-relazzjoni tal-appellant kienet serjament provokata mill-aġir inkonsult ta' Nazzarena Caruana u għalhekk piena ta' priġunerija, nonostante li ġiet sospiża, ma hjiex dik idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ kif riżultanti mill-provi akkwiżiti.

Ikkonsidrat

19. L-ewwelnett il-Qorti qed tintalab biex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn instabet ħtija li l-appellant ikkommetta offiża ta' natura volontarja fuq il-persuna ta' Nazzarena Caruana. Għalkemm din il-Qorti ma kellhiex għalfejn terġa' tgħarbel ix-xhieda kollha rreġistrati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, xorta waħda għamlet dan u waslet għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti għar-raġunijiet hemm mogħtija. Il-Qorti mhix qed tara li kien hemm xi provokazzjoni u li fi kwalunkwe każ ir-reazzjoni kienet sproporzjonata.

20. It-tieni, l-ewwel aggravju huwa ta' natura legali u konsegwentement fl-ammont tal-piena. Id-difiża rreferiet għall-każ 'Il-Pulizija versus Paul Spagnol' tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:

*'B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wiċċ, ghalkemm it-telf ta 'ħafna snien jistgħu jġibu kemm sfreġju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu iħallu fuq il-wiċċ u speċjalment fir-reġjun tal-ħalq. Pero' la t-tul ta' l-infermita'*

*u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*

**Snien Miksura**

21. Fil-proċess hemm xhieda ċara biżżejjed li kien hemm tal-anqas ksur f'erba' sinniet. Id-difża tissottometti li kien hemm problemi fis-snien qabel ma sar il-każ. Mill-provi jirriżulta li l-każ aċċelera l-proċess. Wara li ngħad dan kollu, frankament mill-provi la jidher li kien ippruvat mankament u lanqas sfreġju fil-wiċċ minħabba s-snien.

**Ksur fl-imnieħer**

22. Dwar l-imnieħer. Dr Michela Frendo (nee Rossi) kienet xehdet li meta eżaminat lill-allegata vittma sabet 'grif fuq moħħha, tbenġil madwar l-għajn il-leminija, grif u tbenġil fuq imneħirha, grif fuq xufftejha u ksutr ta' imneħirha' Hija kienet għamlet il-klassifika bħala ta' natura gravi stante il-ksur tal-imnieħer.'

Ikkonsidrat

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti ksur tal-imnieħer żgur jipproduċi mankament fil-wiċċ. Dan jaqa' awtomatikament taħt l-artikolu 216(1)(b). Il-Qorti mhix tilqa' d-distinzjonijiet li għamlet id-difiża fir-rikors tal-appell bejn il-parti tal-għadam u l-parti tal-cartilege tal-imnieħer. L-ewwelnett il-liġi ma tagħmilx din id-distinzjoni u t-tieni għaliex il-ksur jirreferi għall-ksur tal-għadam. Ebda tabib ma jiddeskrivi xi laċerazzjoni jew xi offiża fil-cartilege bħala ksur.

**Applikazzjoni tal-artikolu 216(1)(d).**

24. M'hemm ebda dubju li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat l-artikolu 216(1)(d) fis-sentenza għaliex huwa dan l-artikolu li huwa indikat. Dan għamlitu bla ma kienet marbuta li timxi mal-artikolu indikat mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni.

25. Ġaladarba għamlitu, wieħed irid jara x'inhuma l-elementi ta' dan l-artikolu. L-artikolu 216(1)(d) jgħid hekk:

'jekk iġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;'

26. Mix-xhieda kompilati hemm provi ta' offiżi ħfief kif ukoll tal-ksur fl-imnieħer. Min-naħa l-oħra ma nġabet ebda prova li

(i) kien hemm xi marda tal-moħħ jew tal-ġisem li damet tletin jum; jew
(ii) xi prova li l-allegata vittma damet tletin jum ma tmur ix-xogħol.

27. Għalhekk f'din il-parti tas-sottomissjoni dwar l-ewwel aggravju, id-difiża għandha raġun.

28. Isegwi għalhekk li l-appellant seta' jinstab ħati biss ta' offiża ħafifa, reat li huwa involut u kompriż fl-artikolu 216(1)(d) la l-imputazzjoni kienet hekk arġinata.

29. Isegwi wkoll li l-Qorti ser tilqa' t-tieni aggravju dwar il-piena (għajr għalfejn hemm referenza dwar il-garanzija) u tirriforma s-sentenza għal dik li hija piena.

**Konklużjoni**

30. Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-31 ta' Jannar 2011kif ġej:

(i) tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati talli kkommetta offiża ta' natura volontarja fuq il-persuna u rabtet lill-appellant b'garanzija ta' sena b'obbligazzjoni personali ta' 2000 Euro li jżomm il-kwiet Ma' Nazzarena Caruana; u

(ii) tirriformaha kif ġej: qed tirrevokha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati ta' offiża ta' natura gravi u kkundannatu għall-piena ta' 18-il xahar priġunerija li kellha tkun sospiża għal erba' snin u minflok qed issibu

ħati ta’ offiża ħafifa ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kap 9 u qed tikkundannah iħallas multa ta’ €1160. (elf, mija u sittin Ewro) liema multa għandha titħallas fi żmien għaxar (10) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------